**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 629/2020**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Marius Muscat**

Illum, 31 ta' Mejju 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Marius Muscat, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 0665858(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli f'April 2015 u/jew fix-xhur ta' qabel, fil-kapaċita' tiegħu personali u/jew bħala direttur tal-kumpanija 'Waste Collection Ltd (C58428):

1. Bil-ħsieb li jagħmel delitt u ċioe' delitt ta' frodi, li jammonta għal aktar minn €5,000, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta' bidu għall-eżekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali w indipendenti mill-volonta' tiegħu, billi għamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħoloq pattijiet, dispożizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħħal f'dawn il-pattijiet, dispożizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu ġew iffirmati, inkella billi żid jew biddel klawżoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;
2. Kif ukoll talli xjentement għamel użu minn att, kitba jew skrittura privata;
3. Talli sar reċediv b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-25 ta' Lulju 2022, fejn il-Qorti, wara li rat l-artikolu 184 tal-Kodiċi Kriminali u l-

Artikolu 13 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni, Kapitolu 249 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tat-tieni imputazzjoni u dana limitatament fil-kapaċita' tiegħu ta' direttur ta' Waste Collection Limited (C58428) u lliberatu mill-imputazzjonijiet l-oħra kollha, u kkundanatu għal sittax (16) il-xahar priġunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali ġew sospizi għal tmintax -il xahar (18) mid-data tas-sentenza. *Inoltre*, bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, ordnat lill-imputat iħallas l-ammont ta' €299.10c rapprezentanti nofs l-ispejjez peritali.

Rat ir-rikors tal-appellant, ippreżentat fit-8 ta' Awwissu 2022, fejn talab lil din l-Qorti:

1. Tikkonferma s-sentenza fejn l-ewwel Qorti lliberatu minn kull ħtija u piena skond l-ewwel u t-tielet akkuza u ma sabitux ħati;
2. Tibdel u tirriforma s-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti u jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tilqa' dan l-appell billi tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata fejn sabitu ħati tat-tieni imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu għall-ksur tal-Artikolu 184 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u minflok tiddikjarah mhux ħati tal-istess tieni akkuza u konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni, ħtija u piena jew sussidjarjament u mingħajr preġudizzju għal dak appena espost, tirriforma s-sentenza appellata fil-pari tal-piena inflitta u dan billi timponi piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-kaz;
3. Tikkunsidra u tiddeċiedi li l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta rrifjutat it-talba għar-rikuza fi stadju tas-smiegħ tal-provi tal-prosekuzzjoni kif premess fl-aggravji interposti f'dan ir-rigward u konsegwentement tannulla u tirrevoka kull sentenza u deċizjoni mogħtija bil-konsegwenza li tirritorna s-smiegħ tal-kaz lil ġudikant ieħor quddiem Qorti inferjuri u/jew tkun din il-Qorti li tordna dak li jkun ġust u propens sabiex l-appellant jkollu smiegħ xieraq u ġust, u dan stante li l-kaz odjern dejjem instemgħa kontestwalment mal-kaz ta' Adrian Muscat, ukoll appellant u ukoll sub iudice.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi qabel kull konsiderazzjoni dwar l-aggravji fil-mertu li jressaq l-appellant marbuta mas-sejbien ta' ħtija għat-tieni imputazzjoni lilu addebitata, u dan fil-kapaċita' vikarja tiegħu, l-Qorti tqies li għandha teżamina l-ilment li huwa jqanqal dirett lejn id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti meta din ċaħdet talba magħmula minn ibnu Adrian Muscat fil-proċeduri penali li kienu mexjin kontestwalment ma' dan il-każ u li jitrattaw l-istess mertu, liema rikors kien ippreżentat fil-kumpilazzjoni bin-numru 630/2020 fit-08 ta' Novembru 2021 għar-rikuża tal-ġudikant sedenti.Dan għaliex ir-rimedju li qed jintalab mill-appellant f'każ illi dan l-aggravju ikun milqugħ huwa li l-proċeduri li seħħew quddiem l-Ewwel Qorti jkunu dikjarati nulli u jkun ordnat is-smigħ mill-ġdid tal-każ.

Illi jibda biex jingħad illi fl-atti ta' din il-kawża ma hemm ebda talba għar-rikuża tal-ġudikant sedenti l-Ewwel Qorti. Illi allura għalkemm fil-parti preliminari tas-sentenza appellata hemm referenza għat-talba li saret minn Adrian Muscat fi proċeduri analogi li kienu mexjin kontestwalment ma' dan il-każ, dawn iz-zewġ kawżi huma separati u distinti minn xulxin, għalkemm jitrattaw l-istess mertu. Dan ifisser illi l-appellant odjern qatt ma ressaq ebda talba quddiem l-Ewwel Qorti għar-rikuża tal-Maġistrat sedenti u kwindi anke jekk għal grazzja tal-argument, l-Ewwel Qorti għoġobha tilqa' tali rikors, ir-rikuża kienet ser tapplika biss għal dawk il-proċeduri u mhux ukoll għall-każ odjern. Dan ifisser illi l-aggravju imqanqal mill-appellant fir-rigward ma jistħoqqlux akkoljiment ġaldarba ma hemm ebda talba għar-rikuża tal-Maġistrat sedenti l-Ewwel Qorti f'dawn il-proċeduri u għalhekk l-Qorti mhix ser tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' l-istess.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-aggravju rimanenti mqiegħed għal ġudizzju ta' dina l-Qorti jikkonċerna is-sejbien ta' ħtija mill-Ewwel Qorti dwar it-tieni imputazzjoni lilu addebitata fejn huwa kien mixli li xjentement għamel użu minn att, kitba jew skrittura falza u dana bħala d-direttur tas-soċjeta' *Waste Collection Limited*. L-appellant jisħaq li l-Ewwel Qorti kienet zbaljata meta sabitu ħati ta' l-istess u għamlet apprezzament ħazin tal-provi prodotti quddiemha. Dan għaliex, fil-fehma tiegħu, ma hemm ebda prova in

atti li tipponta lejn l-allegata parteċipazzjoni tiegħu fit-tfigħ tal-offerta għat-*tender* mertu tal-każ u li huwa spiċċa imputat u misjub ħati tar-reat mfassal fl-artikolu 184 tal-Kodiċi Kriminali għaliex kien huwa li ffirma d-dokumenti kontenenti l-offerta għat-*tender* pubblika imnehdija mill-Kunsill Lokali ta' Ħ'Attard u dan bħala direttur tas-soċjeta' *Waste Collection Limited*.

Illi fil-fatt minn qari tas-sentenza appellata jirriżulta illi l-appellant kien misjub ħati tat-tieni imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu fil-kapaċita vikarja tiegħu u dan fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-artikolu 13 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni. Illi l-ilment mressaq mill-appellant jikkonċerna l-apprezzament tal-provi u għalhekk għal darb'oħra l-Qorti tfakkar illi huwa prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha. Il-Qorti għalhekk eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inkluż id-dokumenti kollha eżebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, biex b'hekk tkun f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu[1].

Illi l-investigazzjonijiet marbuta ma' dan il-każ għandhom il-qofol tagħhom f'allegat falsifikazzjoni ta' ittra ta' rakkomandazzjoni maħruġa mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija, liema ittra iben l-appellant, Adrian Muscat, mixli f'proċeduri separati dwar l-istess reat, għemieżha ma' applikazzjoni magħmula għan-nom tas-soċjeta' *Waste Collection Limited*, fir-rigward ta' *tender* pubbliku maħruġ in konnessjoni mal-ġbir ta' l-iskart mill-Kunsill Lokali ta' Ħ'Attard. Dawn id-dokumenti kienu iffirmati mill-appellant fil-kapaċita' tiegħu bħala direttur tal-imsemmija soċjeta.

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u lAppelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

Illi mill-provi prodotti, jirriżulta, senjatament mill-*Form K*, eżebita mir-rappreżentant tal-*Malta Business Registry*, Dr Claudette Fenech, li fid-data tal-każ *de quo* (u ċioe' April 2015 u fix-xhur ta' qabel), l-appellant kien id-Direttur tas-soċjeta' *Waste Collection Limited*. Jirriżulta ukoll mill-provi prodotti, senjatament mix-xhieda ta' iben l-appellant Adrian Muscat, li l-appellant ma kienx ħa ebda interess fit-tħejjija u s-sottomissjoni tal-applikazzjoni jew offerta marbuta mat-*tender* imnehdija mill-Kunsill Lokali ta' H'Attard dwar il-ġbir tal-iskart pubbliku fil-lokalita'. L-appellant stess, fix-xiehda tiegħu quddiem l-Ewwel Qorti, jikkonferma illi fiż-żmien meta inħareġ it-*tender* in kwistjoni, għalkemm kien għadu direttur tal-kumpanija, igħid iżda li huwa ma kienx involut fit-tmexxija tas-soċjeta' u kien imur l-uffiċċju sempliċiment sabiex jieħu kafe'. Xehed ukoll li huwa kien iħalli f'idejn ibnu fir-rigward tat-tmexxija tas-soċjeta' in kwistjoni għalkemm daħal responsabbli għall-istess u dan għaliex, għalkemm in-negozju kien immexxi minn ibnu, madanakollu dan ma kellux il-ħames snin esperjenza li kienet tiġi mitluba, esperjenza iżda li hwwua kellu fis-settur u għalhekk kien joħroġ għonqu għal ibnu. Igħid li ma baqax direttur fit-30 ta' Ġunju 2015

Issa mill-provi prodotti, ġie kkonfermat illi d-dokument X, ittra ta' rakkomandazzjoni iffirmata minn ċertu Georgette Borg u maħruġa mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Lija, liema ittra ġiet annessa mat-*tender* tas-soċjeta' *Waste Collection Limited*, kien wieħed falz. Dan jirriżulta mir-rapport ta'l-Espert tal-Qorti Joseph Mallia li kkonkluda li "**il-firma għandha l-punti karretteristiċi kollha li hija ta' Georgette Borg pero' ma hijix il-firma bl-inka oriġinali. Hija firma scanned jew inkella trasferita fuq dak id-dokument**". L-espert Mallia jżid illi fid-dokument in kwistjoni kemm il-firma ta' Georgette Borg kif ukoll l-arma tal-Kunsill kienu *super-imposed*. Dan ifisser li xi ħadd mhux magħruf kien ħa l-iżbriga li jittrasferixxi l-firma ta' Georgette Borg u l-arma tal-Kunsill ta' Ħal Lija minn fuq xi dokument ieħor u jagħmlu *super-imposed* fuq id-dokument in diżamina. Illi dan ir-rapport imbagħad isaħħaħ ix-xiehda mogħtija minn Georgette Borg fejn din ċaħħdet b'mod katergoriku illi kitbet l-ittra inkriminatorja, u tisħaq li la iffirmatha u wisq anqas għaddiet id-dokument lil iben l-appellant Adrian Muscat, ittra li skond dak dikjarat mid-difiża

fil-verbal tas-seduta tal-20 ta' Jannar 2021, kienet allegatament mgħoddija lil Adrian Muscat f'għaxar kopji.

Illi l-Artikolu 13 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni jitkellem dwar ir-responsabbilta' vikarja tad-direttur ta' kumpanija, fost uffiċjal oħra għal kummissjoni ta' reat, meta hemm hekk dispost:

> **Meta xi reat taħt jew kontra xi dispożizzjoni li tinsab f'xi Att, li jkun għadda sew qabel jew wara dan l-Att, isir minn korp jew għaqda ta' persuni, sew jekk tkun persuna ġuridika jew le, kull persuna li, fil-ħin tal-għemil tar-reat, kienet direttur, manager, segretarju jew uffiċjal ieħor simili tal-korp jew għaqda, jew kienet tidher li qed taġixxi f'dik il-kariga, tkun ħatja ta' dak ir-reat kemm il-darba ma tippruvax li r-reat ikun sar mingħajr it-tagħrif tagħha u li tkun eżerċitat id-diliġenza kollha xierqa biex tevita l-għemil tar-reat ...**

Illi, l-Ewwel Qorti għamlet analizi approfondita u erudita ta' din id-dispozizzjoni tal-liġi, u a skans ta' repetizzjoni u dilungar zejjed, dina l-Qorti ser tagħmel tagħha din l-analiżi. Jingħad biss illi meta ikun hemm ix-xilja tal-persuna imputata f'din il-kapaċita rappreżentattiva, il-piż tal-prova tinqaleb għal fuqha sabiex turi, u dan fuq bażi ta' proabbilita', illi hija eżerċitat dik id-diliġenza meħtieġa fil-qadi tad-dmir tagħha bħala uffiċjal tal-kumpanija sabiex tara illi l-egħmil tar-reat ikun evitat. Id-dmirjiet ta' direttur ta' kumpanija huma pjuttost onerużi u dan kif jinsab imfassal fl-Att dwar il-Kumpaniji:

> **"The duties of directors can be classified under two categories, namely general duties and specific (or administrative) duties. The general duties of directors are found in the provisions of Article 136A of the Companies Act which can be classified into two further sub-categories, namely (i) duties of loyalty, and (ii) duties of care and skill.**
>
> **Administrative duties on the other hand consist of specific statutory obligations which are incumbent on directors and consist principally of acts of an administrative nature. In the case of any breaches of administrative duties, nominal financial penalties would typically be imposed by the Registrar of Companies (the "ROC"), which penalties may ultimately be enforced against the director personally. These duties would typically include, amongst others, the duty to keep an updated register of members as well as the duty to file the appropriate returns and documents with the ROC in a timely manner, including the annual accounts, notification of**

**share transfers and changes in the company's constitutive documents, officers or ultimate beneficial owners.**

**Apart from these duties, many other duties arise from a wide array of specific legislation such as the Prevention of Money Laundering Act (Chapter 373 of the Laws of Malta), the Social Security Act (Chapter 318 of the Laws of Malta), and the Value Added Tax Act (Chapter 406 of the Laws of Malta), not to mention several other laws which lay down the regulatory framework for a number of key strategic industries (financial services, pharmaceuticals, gambling etc), a breach of which could lead to personal criminal liability.**

**Directors are also subject to certain fiduciary obligations which are covered both by Articles 1124A, 1124B and 1871 of the Maltese Civil Code (Chapter 16 of the Laws of Malta) (the "Civil Code"), as well as by Article 136A of the Companies Act, which specifically addresses the duty of loyalty.**

**.......**

**As a matter of general observation, it is important to state that the personal liability of directors can never be waived by the company. Indeed Article 148(1) of the Companies Act provides that any written declaration exempting the director from such personal responsibility or undertaking to indemnify the director against any legal liability is deemed to be legally void. This is a mandatory public policy rule which cannot be derogated from[2].**

Illi d-direttur ta' kumpanija iwieġeb ukoll f'ismu personali u jiġi misjub ħati personalment għan-nuqqasijiet tal-kumpanija li jwasslu għal egħmil kriminali u li jkunu saru b'konsegwenza tan-nuqqas ta' diliġenza u kura li kull direttur skont il-liġi huwa tenut li jeżerċita.

L-appellant *ex admissis* igħid ċar u tond illi din id-diliġenza qatt ma eżerċitaha tant illi lanqas kien konxju ta' dak li kien qed jiġri u dan għaliex ma kienx involut fit-tmexxija ta'l-istess. L-appellant, fil-vesti tiegħu ta' direttur, kellu l-obbligu li jassigura ruħu li s-soċjeta' qed titmexxa b'mod diliġenti u leġittimu u bl-osservanza tal-liġi, ħaġa li l-appellant stess ammetta li ma kienx jagħmel. Huwa ħalla l-istess soċjeta' titmexxa minn ibnu mingħajr ma ħa kont ta' dak li kien qed iseħħ għajr illi jiffirma d-dokumenti fl-għama. Dan huwa aġir negliġenti u rresponsabbli u

[2] https://www.legal500.com

ċertament juri li l-appellant m'ezerċitax d-diliġenza kollha xierqa sabiex jevita l-għemil tar-reat *de quo*. Għaldaqstant, l-Ewwel Qorti setgħet legalment u raġonevolment tasal għad-deċizjoni ta' ħtija fil-konfront tal-appellant kif filfatt għamlet. Għalhekk, dan l-aggravju ma jistħoqqlux akkoljiment.

Illi finalment l-appellant jilmenta illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti kienet eċċessiva u għalkemm illiberatu mill-addebitu tar-reċidiva, billi din ma kenitx ippruvata, madanakollu xortawaħda mponiet piena ħarxa fid-dawl ta' dak li qieset bħala il-fedina penali refrattarja tiegħu.

Illi ma huwiex ikkontestat illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti ta' sittax-il xahar priġunerija taqa' sewwasew fil-parametri tal-liġi, anzi tqarreb iktar lejn il-minimu. *Di piu'* il-Qorti applikat favur l-appellant id-disposizzjonijiet ta'l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali sabiex b'hekk it-terminu tal-priġunerija erogata fil-konfront tiegħu kienet sospiża għal tmintax-il xahar, u allura ma tinġiebx fis-seħħ jekk f'dan it-terminu ta' żmien l-appellant joqgħod 'il bogħod mit-triq tal-kriminalita'. Il-Qorti għalhekk tqies illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ din il-piena kienet waħda li tagħmel ġustizzja u ma tqiesx li hemm ebda mottiv li jista' iwassalha titbiegħed mid-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti fil-kalibrazzjoni tal-istess. Ukoll għaliex l-appellant ma jressaq ebda raġuni li tista tixpruna lil Qorti tagħmel dan u l-fatt illi l-appellant kien illiberat mill-addebitu tar-reċediva ma tipprekludiex lil qorti tqies il-fedina penali u l-kondotta preċedenti tiegħu meta tiġi biex tikkalibra l-piena. Anzi l-kondotta tal-ħati hija waħda mill-konsiderazzjonijiet li l-qorti tqies meta tiġi biex tistabbilixxi x-xorta u il-qies tal-piena li għandha tkun inflitta fuq il-persuna misjuba ħatja ta' reat. Dan l-aggravju għalhekk ukoll qed jiġi miċħud.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**Edwina Grima**

**Imħallef**